



Brussell, 7 ta' Marzu 2023
(OR. en)

6497/23

SOC 115
EMPL 74
EDUC 55

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali

1. Il-mandat tal-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) ser jiskadi fil-31 ta' Marzu 2023¹.
2. Skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2019/128², il-mandat tal-membri u tal-membri supplenti għandu jkun ta' erba' snin. Dak il-mandat għandu jkun jista' jiġi mġedded. Mal-iskadenza tal-mandat tagħhom jew fil-każ tar-riżenja tagħhom, il-membri u tal-membri supplenti għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jiġġeddu l-ħatriet tagħhom jew sakemm jiġu ssostitwiti.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' April 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) (ĠU C 136, 12.4.2019, p. 6).

² Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75, (ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90).

3. Skont l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2019/128, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija li jirrappreżentaw il-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tal-impjegati u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem tal-Istati Membri jinħatru mill-Kunsill għal perjodu ta' erba' snin.
4. Is-Segretarjat tal-Kunsill irċieva proposti għall-ħatra ta' membri u ta' membri supplenti mill-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u l-organizzazzjonijiet tal-impjegati tal-Istati Membri. Abbażi ta' dawn il-proposti, tħejja abbozz għal Deċiżjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 6496/23³, li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Təhrig Vokazzjonali.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill:
 - (a) jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Təhrig Vokazzjonali, bħala punt "A", u
 - (b) jiddeċiedi li jippubblika d-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ Test finalizzat mill-ġuristi lingwisti.